REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 144/2011

tas-17 ta' Frar 2011

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 206/2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-fraži introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 9(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu fil-Komunità għal ċerti annimali ungulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(e) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali bovini u l-ħnieżer ([3]) tapplika għal kummerċ intra-Unjoni fl-annimali bovini. Din tipprovdi li l-annimali bovini għat-tnissil u l-produzzjoni għandhom jiġu minn merħla uffiċjalment ħielsa minn lewkoża bovina enżootika u jekk għandhom aktar minn 12-il xahar, irreaġixxew negattivament għal test individwali li sar tul it-30 jum qabel it-tluq mill-merħla tal-oriġini u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Anness D tagħha.

(2) Id-Direttiva 64/432/KEE tistabbilixxi wkoll testijiet ta' dijanjoži biex tintuża għal bruċellosi u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għal kummerċ tal-intra-Unjoni fl-annimali bovini għat-tnissil u l-produzzjoni. Barra minn hekk, dik id-Direttiva, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/984/KE ([4]), issa tinkludi analiżi bi fluworexxenza polarizzata bħala test standard ta' dijanjoži.

(3) Id-Direttiva 2004/68/KE tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn, u t-tranżitu fl-Unjoni ta' annimali ungulati ħajjin. Dawk ir-rekwiżiti jinkludu rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għal annimali ungulati ħajjin li għandhom ikunu bbażati fuq ir-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-mard li għalih dawk l-annimali huma suxxettibbli.

(4) Id-Direttiva 2004/68/KE tipprovdi wkoll li kondizzjonijiet speċifiċi jistgħu jiġu stabbiliti għal pajjiżi terzi li għalihom l-ekwivalenza ġiet rikonoxxuta b'mod formali mill-Unjoni bbażati fuq il-garanziji uffiċjali tas-saħħa pprovduti mill-pajjiż terz ikkonċernat.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u ta' laħam frisk u r-rekwiżiti ([5]) ta' ċertifikazzjoni veterinarja jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' annimali ħajjin jew ta' laħam frisk. L-Annessi I u II tiegħu jistabbilixxu listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet tagħhom, li minnhom il-kunsinni ta' dawk l-annimali u laħam jistgħu jiġu introdotti fl-Unjoni.

(6) Barra minn hekk, l-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jistipula kondizzjonijiet speċifiċi għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' annimali domestiċi bovini maħsuba għat-tnissil u l-produzzjoni, flimkien ma' mudell ta' ċertifikat veterinarju għal dawk l-annimali, inklużi l-ispeċji *Bubalus* u *Bison*, u r-razez mħallta tagħhom (BOV-X).

(7) Il-kondizzjoni speċjali "IVb" tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 tirreferi għal territorju bi rziezet approvati rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa minn status ta' lewkoża bovina enżootika għal skopijiet ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' annimali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat (BOV-X). Dik il-kondizzjoni speċjali għandha tiġi emendata biex jitqiesu d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-merħliet uffiċjalment ħielsa minn lewkoża bovina enżootika stipulati fid-Direttiva 64/432/KEE.

(8) Għalhekk, il-kondizzjoni speċifika IVb stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u l-mudell ta' ċertifikat veterinarju (BOV-X) stipulat fil-Parti 2 ta' dak l-Anness għandhom jiġu emendati kif xieraq.

(9) Barra minn hekk, il-Parti 6 tal-Anness mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 għandha tiġi emendata biex jitqies it-test ta' djanjoži ta' analiżi bi fluworexxenza polarizzata stipulat fid-Direttiva 64/432/KEE.

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321.
([3]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977.
([4]) ĠU L 352, 31.12.2008, p. 38.
([5]) ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1.

(10) Ir-Regolament (UE) Nru 206/2010 jipprovdi wkoll li laħam frisk introdott fl-Unjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fiċ-ċertifikat veterinarju xieraq għal dak il-laħam skont il-mudelli stipulati fil-Parti 2 tal-Anness II, u jitqiesu kwalunkwe kondizzjonijiet speċifiċi jew garanziji supplementari meħtieġa għal dan it-tip ta' laħam.

(11) Il-Botswana talbet l-awtorizzazzjoni biex tesporta lejn l-Unjoni laħam tal-annimali bovin mingħajr għadam u matur miż-żona ta' kontroll 4a veterinarja ġewwa t-territorju identifikat bħala BW-4 fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II mar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

(12) Ir-rekwiżiti għall-importazzjonijiet tal-laħam mill-pajjiżi terzi fl-Unjoni jiddependu l-iktar fuq l-istatus ta' saħħa tal-annimali tal-pajjiż terz, reġjun jew parti minnu li jesporta. L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) tiddetermina l-istatus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD) tal-pajjiżi membri tagħha u f'Mejju 2010 rrikonoxxiet iż-żona kkonċernata bħala żona ħielsa mill-FMD fejn il-vaċċinazzjoni mhijiex ipprattikata. Il-Botswana stabbiliet żona ta' sorveljanza intensiva ta' 10 km biex tissegrega ż-żona ħielsa mill-mard minn partijiet oħra ta' dak il-pajjiż.

(13) Il-Botswana għandha għalhekk tkun awtorizzata għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' laħam tal-annimali bovini mingħajr għadam u matur miż-żona ħielsa mill-mard. Il-Kolonna 4 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 għandha għalhekk tirreferi għall-mudell ta' ċertifikat veterinarju BOV. Il-Parti 1 tal-Anness II ma' dak ir-Regolament għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(14) L-Annessi I u II mar-Regolament (KEE) Nru 206/2010 għandhom b'hekk jiġu emendati skont dan.

(15) Jeħtieġ li jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni sabiex l-Istati Membri u l-industrija jingħataw żmien biżżejjed biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 206/2010, kif emendat b'dan ir-Regolament, mingħajr ma jiġi mfixkel il-kummerċ.

(16) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Peramanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II mar-Regolament (KE) Nru 206/2010 huma emendati skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għal perjodu ta' tranżizzjoni sal-31 ta' Mejju 2011, kunsinni ta' annimali domestiċi bovini maħsuba għat-tnissil u/jew il-produzzjoni wara l-importazzjoni akkumpanjati minn ċertifikat veterinarju skont il-Mudell BOV-X, kif stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 qabel ġew introdotti l-emendi mill-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jiġu introdotti fl-Unjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 206/2010 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-Parti 1, il-kondizzjoni speċifika 'IVb' hija sostitwita b'dan li ġej:

" '**IVb**': rikonoxxuta li għandha merħliet uffiċjalment ħielsa minn lewkoża bovina enżootika ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness D mad-Direttiva 64/432/KEE għall-iskopijiet ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' annimali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat BOV–X."

(b) Fil-Parti 2, il-Mudell BOV-X huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Mudell BOV-X**

PAJJIŻ **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji dwar konsenja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.6.

I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Regjun ta' oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Regjun tad-destinazzjoni	Kodiċi

I.11. Pajjiż ta' oriġini
Isem
Indirizz
Numru tal-approvazzjoni

I.12.

I.13. Post tat-tagħbija
Indirizz
Numru tal-approvazzjoni

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Ieħor ☐
Identifikazzjoni
Referenzi Dokumentarji

I.16. BIP ta' dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)
01.02

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċertifikati għal:
Tnissil ☐ Simna ☐

I.26.

I.27. Għal importazzjoni jew dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Razza	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Sess

PAJJIŻ **Mudell BOV-X**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' ċertifikat ta' referenza	II.b.

II.1. **Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ġejjin minn irziezet li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċelloż, għall-aħħar 30 jum fil-każ tal-antraċe u għall-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u, ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn irziezet li ma kinux jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet;

II.1.2. ma rċevewx:

— stilbene jew sustanzi tirostatiċi,

— sustanzi oestroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew β-agonisti għal skopijiet li mhumiex trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definiti fid-Direttiva 96/22/KE);

II.1.3. fejn jikkonċerna l-enċefalopatija bovina sponġiformi (BSE):

([1]) ([2]) *jew* [(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla tal-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-Kapitolu C, Parti I, punt (4) (b) (iv) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) jekk kien hemm każijiet indiġeni ta' BSE fil-pajjiż ikkonċernat, l-annimali twieldu wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u residwi tad-dam (greaves) derivati minn ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

([1]) ([3]) *jew* [(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla tal-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-Kapitolu Ċ, Parti II, punt (4) (b) (iv) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) l-annimali twieldu wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambal derivati minn ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

([1]) ([4]) *jew* [(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla tal-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-Kapitolu Ċ, Parti II, punt (4) (b) (iv) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) l-annimali twieldu tal-inqas sentejn wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambal derivati minn ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.

II.2. **Attestazjoni tas-Saħħa tal-Annimali:**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.1. ġejjin mit-territorju bil-kodiċi: ..... ([5]) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

([1]) *jew* [(a) kien ħieles għal 24 xahar mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, għal 12-il xahar mir-rinderpest, mill-bluetongue, mid-deni Rift valley, mill-plewropulmonite tal-bovini li tittieħed, mill-marda tal-infafet fil-ġilda u l-marda epiżootika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vesikulari,]

([1]) *jew* [(a) (i) kien ilu ħieles għal 12-il xahar mir-rinderpest, mill-bluetongue, mid-deni Rift valley, il-plewropulmonite tal-bovini li tittieħed, mill-marda tal-infafet fil-ġilda u l-marda epiżootika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vesikulari,

(ii) kien meqjus bħala ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn .....(jj/xx/ssss), mingħajr ma seħħew każi/tfaqqiġħ wara dik id-data, u ġie awtorizzat jesporta dawn l-annimali mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni _ _ _ _ / _ _ _ _ /UE, ta' ..... (jj/xx/ssss),]

u (b) fejn matul l-aħħar 12-il xahar, ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard u l-importazzjonijiet ta' annimali domestiċi bid-difer mifruq imlaqqma kontra dan il-mard mhumiex permessi;

II.2.2. dawn baqgħu fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1 minn twelidhom, jew għal tal-inqas dawn l-aħħar sitt xhur qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u bla ma ġew f'kuntatt, ma' annimali bid-difer mifruq impurtati fl-aħħar 30 jum;

PAJJIŻ **Mudell BOV-X**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' ċertifikat ta' referenza	II.b.

II.2.3. baqgħu minn twelidhom jew mill-inqas għall-40 jum qabel ma ntbagħtu fir-razzett jew irziezet tal-oriġini deskritt(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11.:

(a) fejn fih(om) u madwaru/hom, f'żona b'raġġ ta' 150 km, ma kien hemm l-ebda każ/tfaqqigħ tal-bluetongue u tal-marda epiżootika emorraġika matul is-60 jum preċedenti,

(b) fejn fih(om) u madwaru/hom, f'żona b'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda każ/tfaqqigħ tal-mard l-ieħor imsemmi fil-punt II.2.1. matul l-40 jum preċedenti;

II.2.4. mhumiex annimali li se jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mard imsemmi fil-punt II.2.1.;

II.2.5. ġejjin minn merħliet li mhumiex ristretti taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha x'taqsam mal-eradikazzjoni tat-tuberkolożi, bruċellożi u l-lewkożi bovina enżootika;

II.2.6. ġejjin minn merħliet rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi ([6]);

u ([1])([7]) *jew* [ġejjin minn reġjun li huwa magħruf bħala uffiċjalment ħieles mit-tuberkulożi ([6]);]

([1]) *jew* [ġew soġġetti għal test intradermali tat-tuberkulina ([8]) li sar b'riżultati negattivi fl-aħħar 30 jum qabel ma ntbagħtu lill-Unjoni;]

([1]) jew [għandhom inqas minn sitt ġimgħat;]

[II.2.7. ma ġewx imlaqqma kontra l-bruċellożi u jiġu minn merħliet rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi ([6]);

u ([1]) *jew* [ġejjin minn reġjun li huwa rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi ([6]),]

([1]) *jew* [ġew soġġetti għal tal-inqas test wieħed għall-bruċellożi bovina ([8]) li sar fuq kampjuni li ttieħdu fl-aħħar 30 jum qabel ma ntbagħtu lill-Unjoni ([8]),]

([1]) *jew* [għandhom inqas minn 12-il xahar,]

([1]) *jew* [huma annimali maskili kkastrati ta' kwalunkwe età,]

([1]) *jew* [II.2,8A. ġejjin minn merħliet inklużi f'sistema uffiċjali għall-kontroll tal-lewkożi enżootika bovina, u li fihom ma kien hemm l-ebda evidenza klinika jew b'riżultat ta' test tal-laboratorju ta' din il-marda matul is-sentejn li għaddew,]

([1]) *jew* [II.2,8A. ġejjin minn merħliet rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina ([6]) ([6a]),]

u ([1]) ([7]) *jew* [ġejjin minn reġjun li huwa rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enżootika bovina ([6]);]

([1]) *jew* [ġew soġġetti għal test individwali għal-lewkożi enżootika bovina ([8]) li sar b'riżultat negattiv fuq kampjuni li ttieħdu fl-aħħar 30 jum qabel ma ntbagħtu lill-Unjoni;]

([1]) *jew* [għandhom inqas minn 12-il xahar;]

([1]) ([9]) *jew* [II.2.8B. irreaġixxew b'mod negattiv għal test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue u għall-marda epiżootika emorraġika, liema test sar f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu fil-bidu tal-perjodu ta' iżolament/kwarantina u mill-inqas 28 jum wara, fi ..... (jj/xx/ssss) u fi ..... (jj/xx/ssss), li t-tieni wieħed għandu jkun ittieħed f'perjodu ta' għaxart ijiem qabel l-esportazzjoni;]

II.2.9 dawn huma/kienu ([1]) mibgħuta mir-razzett jew irziezet tagħhom tal-oriġini, mingħajr ma għaddew minn ebda suq:

([1]) *jew* [direttament lill-Unjoni,]

([1]) *jew* [lejn ċentru ta' raggruppament awtorizzat uffiċjalment deskritt fil-kaxxa ta' referenza I.13 li jinsab fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1.,]

u, sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni:

(a) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra bid-difer mifruq li mhumiex konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa kif deskritt f'dan iċ-ċertifikat,

PAJJIŻ **Mudell BOV-X**

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' ċertifikat ta' referenza	II.b.

(b) ma kienu f'ebda post fejn fih, jew madwaru, f'raġġ ta' 10 km, matul it-30 jum preċedenti kien hemm xi każ/tfaqqigħ ta' kwalunkwe waħda mill-mard imsemmija fil-punt II.2.1.;

II.2.10. kwalunkwe vettura tat-trasport jew kontejner li tgħabbew fiha, tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment;

II.2.11. ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

II.2.12. tgħabbew biex jintbagħtu lill-Unjoni fi ..... (jj/xx/ssss) ([10]) fil-mezzi tat-trasport deskritti fil-kaxxa ta' referenza I.15 aktar minn hekk tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment u huma mibnija b'tali mod li l-ħmieġ, l-awrina, l-imfierex jew l-għalf ma jkunux jistgħu jnixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew mill-kontejner matul it-trasportazzjoni.

II.3. **Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti aktar 'il fuq ġew trattati qabel u waqt it-tagħbija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, b'mod partikolari fejn jikkonċerna l-ilma u l-għalf, u huma f'kundizzjoni tajba għat-trasport maħsub.

([1]) ([11]) [II.4. **Rekwiżiti speċifiċi**

II.4.1. Skont informazzjoni uffiċjali, ma ġiet irreġistrata l-ebda evidenza klinika jew patoloġika tar-rhinotracheitis bovina infettiva (IBR) fir-razzett jew irziezet tal-oriġini msemmija fil-kaxxa ta' referenza I.11, għall-aħħar 12-il xahar;

II.4.2. l-annimali msemmija fil-kaxxa ta' referenza I.28.:

(a) kienu iżolati fl-akkomodazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti għall-aħħar 30 jum immedjatament qabel ma ntbagħtu għall-esportazzjoni,

(b) kienu soġġetti għal test seroloġiku għall-IBR fuq sera li ttieħdu mill-inqas 21 jum wara li ġew iżolati, b'riżultati negattivi, u l-annimali kollha fl-iżolament ukoll irriżultaw li kienu negattivi għal dan it-test, u

(c) ma tlaqqmux kontra l-IBR.]

Noti

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal annimali bovini ħajjin (inkluż l-ispeċi *Bubalus* u *Bison* u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għat-tnissil u/jew għall-produzzjoni.

Wara l-importazzjoni l-annimali għandhom jittieħdu mingħajr dewmien lejn ir-razzett tad-destinazzjoni fejn għandhom jibqgħu għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel ċaqliq ieħor barra mir-razzett, ħlief fil-każ li jintbagħtu lejn biċċerija.

Parti I:

— Referenza tal-kaxxa I.8.: Ipprovdi l-kodiċi tat-territorju kif tidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

— Referenza tal-kaxxa I.13.: Iċ-ċentru ta' raggruppament, jekk ikun hemm, għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stabbilit fil-Parti 5.B tal-Anness I tar-Regolament (UE) 206/2010.

— Referenza tal-kaxxa I.15.: In-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-bastiment) għandhom jiġu pprovduti. Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fl-Unjoni.

— Referenza tal-kaxxa I.23.: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi.

— Referenza tal-kaxxa I.28.: *Sistema ta' identifikazzjoni*: L-annimali għandu jkollhom:

— Numru individwali li jippermetti li jiġi traċċat il-bini tal-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema tal-identifikazzjoni (bħalma huma lametta, tatwaġġi, marka, ċippa, transponder).

— Lametta tal-widnejn li tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Numru individwali jrid jippermetti li jiġi traċċat il-post tal-oriġini tagħhom.

PAJJIŻ **Mudell BOV-X**

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' ċertifikat ta' referenza	II.b.

— Referenza tal-kaxxa I.28.: *Speċi*: Agħżel minn fost "*Bos*", "*Bison*" u "*Bubalus*" kif xieraq.

— Referenza tal-kaxxa I.28.: *Żmien*: Id-data tat-twelid (jj/xx/ss).

— Referenza tal-kaxxa I.28.: *Sess* (M = maskil, F = femminili, K = ikkastrat).

— Referenza tal-kaxxa I.28.: *Razza*: agħżel razza pura, razza mħallta.

Parti II:

([1]) Żomm skont kif xieraq

([2]) Biss jekk l-annimali twieldu u trabbew kontinwament f'pajjiż jew reġjun ikkategorizzat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju negliġibbli ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.

([3]) Biss jekk il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini jkun ikkategorizzat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju kkontrollat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.

([4]) Biss jekk il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini ma jkunx ikkategorizzat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew ġie kkategorizzat bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju mhux determinat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.

([5]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010

([6]) Reġjuni u merħliet li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi/mill-bruċellożi kif stabbilit fl-Anness A tad-Direttiva 64/432/KEE; u reġjuni u merħliet ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina kif stabbilit fil-Kapitolu 1 tal-Anness D tad-Direttiva 64/432/KEE.

([6a]) Biss għall-merħliet uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina rikonoxxuti bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti kif stabbiliti fil-Kapitolu I tal-Anness D tad-Direttiva 64/432/KEE għall-iskop tal-esportazzjonijiet lejn l-UE tal-annimali ħajjin skont iċ-ċertifikat mudell BOV-X mit-territorju li, fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jidher bl-annotazzjoni "**IVb**" fir-rigward tal-lewkożi enżootika bovina

([7]) Biss għal territorju li, fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 206/2010 jidher bl-annotazzjoni "**II**", fir-rigward tat-tuberkulożi, "**III**", fir-rigward tal-bruċellożi, u/jew "**IVa**" fir-rigward tal-lewkożi enżootika bovina.

([8]) It-testijiet li saru skont il-protokolli li, għall-mard ikkonċernat, huma deskritti fil-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 206/2010.

([9]) Garanziji supplimentari li għandhom jiġu pprovduti meta meħtieġ fil-kolonna 5 "SG" tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, bl-annotazzjoni "**A**".

Testijiet għall-bluetongue u għall-marda epiżootika emorraġika skont il-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

([10]) Id-data tat-tagħbija. L-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali ma għandhomx jiġu permessi meta l-annimali jkunu tgħabbew jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pajjiż terz, it-territorju msemmi fil-Kaxxi I.7 u I.8, jew matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, it-territorju jew parti minnu.

([11]) Meta meħtieġ mill-Istat Membru tal-UE tad-destinazzjoni jew mill-Isvizzera, skont id-Deċiżjoni 2004/558/KE u skont il-Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:"

Timbru:

(c) Fil-parti 6, il-protokoll għall-Bruċelloża (*Brucella abortus*) (BRL) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B r u ċ e l l o ż i (*B r u c e l l a a b o r t u s*) (B R L)

It-test tal-agglutinazzjoni tas-serum, it-test ta' fissazzjoni komplimentari, it-test antiġen immewwet tal-bruċella, it-testijiet tal-analiżi immunosorbenti konnessi mal-enżimi (ELISA) u l-analiżi bi fluworexxenza polarizzata (FPA) għandhom isiru skont l-Anness Ċ tad-Direttiva 64/432/KEE."

(2) Fl-Anness II, il-Parti 1, jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"PARTI 1

Lista ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom [1]

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz	Kodiċi tat-Territorju	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju jew parti minnu	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Data tal-għeluq [2]	Data tal-ftuħ [3]
			Mudell(i)	SG			
1	2	3	4	5	6	7	8
AL – l-Albanija	AL-0	Il-pajjiż kollu	–				
AR – l-Arġentina	AR-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
	AR-1	Il-Provinċji ta': Buenos Aires, Catamarca, Corrientes (ħlief id-dipartimenti ta' Berón de Astrada, Capital, Empedrado, General Paz, Itati, Mbucuruyá, San Cosme u San Luís del Palmar) Entre Ríos, La Rioja, Mendoza, Misiones, Parti minn Neuquén (bl-eċċezzjoni tat-territorju inkluż f'AR-4), Parti minn Río Negro (bl-eċċezzjoni tat-territorju inkluż f'AR-4), San Juan, San Luis, Santa Fe, Tucuman, Cordoba, La Pampa, Santiago del Estero, Chaco, Formosa, Jujuy u Salta, bl-eċċezzjoni taż-żona buffer ta' 25 Km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragwaj li testendi mid-Distrett ta' Santa Catalina fil-Provinċja ta' Jujuy, sad-Distrett ta' Laishi fil-Provinċja ta' Formosa	BOV	A	1		fit-18 ta' Marzu 2005.
			RUF	A	1		fl-1 ta' Diċembru 2007.
			RUW	A	1		fl-1 ta' Awwissu 2010.
	AR-2	Chubut, Santa Cruz u Tierra del Fuego	BOV, OVI, RUW, RUF				fl-1 ta' Marzu 2002.
	AR-3	Corrientes: id-dipartimenti ta' Berón de Astrada, Capital, Empedrado, General Paz, Itati, Mbucuruyá, San Cosme u San Luís del Palmar	BOV RUF	A	1		fl-1 ta' Diċembru 2007.

1	2	3	4	5	6	7	8
	AR-4	Parti minn Río Negro (ħlief: f'Avellaneda, iż-żona li tinsab fit-Tramuntana tat-triq Provinċjali 7 u fil-Lvant tat-triq Provinċjali 250; f'Conesa, iż-żona li tinsab fil-Lvant tat-triq Provinċjali 2;f'El Cuy, iż-żona li tinsab fit-Tramuntana tat-Triq Provinċjali 7 minn fejn taqsam it-Triq Provinċjali 66 sal-fruntiera tad-Dipartiment ta' Avellaneda; u f'San Antonio, iż-żona li tinsab fil-Lvant tat-toroq Provinċjali 250 u 2) Parti minn Neuquén (għajr f'Confluencia iż-żona li tinsab fil-lvant tat-Triq provinċjali 17, u f'Picun Leufú iż-żona li tinsab fil-lvant tat-Triq provinċjali 17)	BOV, OVI, RUW, RUF				fl-1 ta' Awwissu 2008.
AU – l-Awstralja	AU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW				
BA – Il-Bosnja-Ħerzegovina	BA-0	Il-pajjiż kollu	–				
BH – Il-Baħrejn	BH-0	Il-pajjiż kollu	–				
BR – il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
	BR-1	Stat ta' Minas Gerais Stat ta' Espírito Santo; Stat ta' Goiás; Stat ta' Mato Grosso L-Istat ta' Rio Grande Do Sul L-Istat ta' Mato Grosso Do Sul (ħlief iż-żona maħsuba għal livell għoli ta' sorveljanza ta' 15-il km mill-fruntieri esterni fil-muniċipji ta' Porto Mutinho, Caracol, Bela Vista, Antônio João, Ponta Porã, Aral Moreira, Coronel Sapucaia, Paranhos, Sete Quedas, Japorã u Mundo Novo u ż-żona maħsuba għal livell għoli ta' sorveljanza fil-muniċipji ta' Corumbá u Ladário).	BOV	A u H	1		fl-1 ta' Diċembru 2008.
	BR-2	Stat ta' Santa Catarina	BOV	A u H	1		fil-31 ta' Jannar 2008.
	BR-3	L-Istati ta' Paraná u São Paulo	BOV	A u H	1		fl-1 ta' Awwissu 2008.
BW – il-Botswana	BW-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	BW-1	Iż-żoni ta' kontroll tal-mard veterinarju 3c, 4b, 5, 6, 8, 9 u 18	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1		fl-1 ta' Diċembru 2007.
	BW-2	Iż-żoni ta' kontroll tal-mard veterinarju 10, 11, 13 u 14	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1		fis-7 ta' Marzu 2002.

1	2	3	4	5	6	7	8
	BW-3	Iż-żona ta' kontroll tal-mard veterinarju 12	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1	fl-20 ta' Ottubru 2008.	fl-20 ta' Jannar 2009.
	BW-4	Iż-żona ta' kontroll tal-mard veterinarju 4a, ħlief iż-żona ta' sorveljanza intensiva buffer ta' 10 km tul il-fruntiera maż-żona ta' tilqim għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer u żoni ta'tmexxija tan-natura selvaġġa	BOV	F	1		[daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]
BY – Il-Bjelorussja	BY-0	Il-pajjiż kollu	–				
BZ – Il-Beliże	BZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
CA – Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, SUF, SUW, RUF, RUW,	G			
CH – l-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	*				
CL – iċ-Ċilì	CL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF				
CN – iċ-Ċina	CN-0	Il-pajjiż kollu	–				
CO – Il-Kolombja	CO-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
CR – il-Kosta Rika	CR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
CU – Kuba	CU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
DZ – L-Alġerija	DZ-0	Il-pajjiż kollu	–				
ET – L-Etjopja	ET-0	Il-pajjiż kollu	–				
FK – Il-Gżejjer Falkland	FK-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU				
GL – il-Groenlandja	GL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW				
GT – Il-Gwatemala	GT-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
HK – Ħong Kong	HK-0	Il-pajjiż kollu	–				
HN – Il-Ħonduras	HN-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				

1	2	3	4	5	6	7	8
HR – il-Kroazja	HR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW				
IL – l-Iżrael	IL-0	Il-pajjiż kollu	–				
IN – l-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	–				
IS – l-Islanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW				
KE – Il-Kenja	KE-0	Il-pajjiż kollu	–				
MA – Il-Marokk	MA-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
ME – il-Montenegro	ME-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU				
MG – Il-Madagaskar	MG-0	Il-pajjiż kollu	–				
MK – Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja [4]	MK-0	Il-pajjiż kollu	OVI, EQU				
MU – Il-Mawrizju	MU-0	Il-pajjiż kollu	–				
MX – il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
NA – in-Namibja	NA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	NA-1	In-nofsinhar tal-parametri taż-żona magħluqa li jestendu minn Palgrave Point fil-Punent sa Gam fil-Lvant	BOV, OVI, RUF, RUW	F u J	1		
NC – il-Kaledonja Ġdida	NC-0	Il-pajjiż kollu	BOV, RUF, RUW				
NI – In-Nikaragwa	NI-0	Il-pajjiż kollu	–				
NZ – in-New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW				
PA – Il-Panama	PA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
PY – Il-Paragwaj	PY-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
	PY-1	Il-pajjiż kollu ħlief iż-żona ta' sorveljanza għolja nnominata ta' 15 Km mill-fruntieri esterni	BOV	A	1		fl-1 ta' Awwissu 2008.

1	2	3	4	5	6	7	8
RS – Is-Serbja ([5])	RS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU				
RU – ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	–				
	RU-1	Ir-reġjun ta' Murmansk, iż-żona awtonoma ta' Yamolo-Nenets	RUF				
SV- El Salvador	SV-0	Il-pajjiż kollu	–				
SZ – Is-Sważiland	SZ-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	SZ-1	Iż-żona fil-Punent tal-parametri ta' "linja ħamra" li testendi lejn it-Tramuntana mix-xmara Usutu sal-fruntiera mal-Afrika t'Isfel fil-Punent ta' Nkalashane,	BOV, RUF, RUW	F	1		
	SZ-2	Iż-żoni ta' kontroll ta' sorveljanza u tilqim tal-marda veterinarja tal-ilsien u d-dwiefer kif ippubblikati fil-gazzetta bħala Strument Statutorju skont l-avviż legali numru 51 tal-2001	BOV, RUF, RUW	F	1		fl-4 ta' Awwissu 2003.
TH – it-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	–				
TN – it-Tuneżija	TN-0	Il-pajjiż kollu	–				
TR – it-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	–				
	TR-1	Il-provinċji ta' Amasya, Ankara, Aydin, Balikesir, Bursa, Cankiri, Corum, Denizli, Izmir, Kastamonu, Kutahya, Manisa, Usak, Yozgat u Kirikkale	EQU				
UA – L-Ukraina	UA-0	Il-pajjiż kollu	–				
US – l-Istati Uniti	US-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF	G			
UY – L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
			BOV,	A	1		fl-1 ta' Novembru 2001.
			OVI	A	1		

1	2	3	4	5	6	7	8
ZA – l-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	ZA-1	Il-pajjiż kollu ħlief: — il-parti taż-żona ta' kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tinsab fir-reġjuni veterinarji ta' Mpumalanga u l-provinċji tat-Tramuntana, fid-distrett ta' Ingwavuma tar-reġjun veterinarju ta' Natal u fiż-żona tal-fruntiera mal-Lvant ta' Botswana ta' lonġitudni 28°, u — id-distrett ta' Camperdown, fil-provinċja ta' KwaZulu-Natal	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1		
ZW – Iż-Żimbabwe	ZW-0	Il-pajjiż kollu	–				

Noti f'qiegħ il-paġna:

(1) Bla ħsara għar-rekwiżiti speċifiċi għaċ-ċertifikazzjoni stipulati fi ftehim tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi.

(2) Laħam minn annimali maqtula nhar jew qabel id-data stabbilita fil-kolonna 7 jistgħu jiġu importati fl-Unjoni għal 90 jum minn dik id-data. Il-konsenji li jinġarru fuq bastimenti fuq baħar miftuħ jistgħu jiġu importati fl-Unjoni jekk jiġu ċċertifikati qabel id-data indikata fil-kolonna 7 għal 40 jum minn din id-data.(N.B.: jekk m'hemmx data fil-kolonna 7 dan ifisser li m'hemm l-ebda restrizzjonijiet ta' żmien).

(3) Laħam minn annimali maqtula fid-data jew wara d-data stipulata fil-kolonna 8 biss jista' jiġi impurtat fl-Unjoni (jekk m'hemmx data fil-kolonna 8 dan ifisser li m'hemm l-ebda restrizzjonijiet ta' żmien).

(4) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li tkun miftiehma wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed isiru dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

(5) Mhux inkluż il-Kosovo li fil-preżent huwa taħt amministrazzjoni internazzjonali skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

* = Rekwiżiti skont il-Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-Kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

— = l-ebda ċertifikati stabbiliti u l-importazzjonijiet ta' laħam frisk huma pprojbiti (bl-eċċezzjoni ta' dawk l-ispeċi li fejn indikat fil-linja jikkompromettu d-dħul għall-pajjiż kollu).

"*1" Restrizzjonijiet ta' kategoriji:*

L-ebda ġewwieni ta' annimali mhu awtorizzat għall-introduzzjoni fl-Unjoni (bl-eċċezzjoni, fil-każ ta' speċi ta' bovini, tad-dijaframma u tal-muskoli tax-xedaq)."